



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 54/10**  
il-Lussemburgo, 10 ta' Ġunju 2010

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

**Dħul fis-servizz tal-Imħallef il-ġdid fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

*Udjenza solenni tal-10 ta' Ġunju 2010*

Wara r-riżenja ta' Christiaan Timmermans, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea nnominaw, permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Ġunju 2010, lil Alexandra Prechal bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, sabiex isservi l-bqija tal-mandat ta' C. Timmermans, jiġifieri mill-10 ta' Ġunju 2010 sas-6 ta' Ottubru 2012.

Fl-okkażjoni tal-ġurament tal-ħatra u tad-dħul fis-servizz tal-Imħallef il-ġdid, illum inżammet udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**Alexandra (Sacha) Prechal**

Imwiedla fl-1959; studjat il-liġi (Università ta' Groningen); Dottorat fil-Liġi (Università ta' Amsterdam, 1995); Lecturer tad-dritt fil-Fakultà tal-Liġi ta' Maastricht (1983-1987); Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1987-1991); Lecturer fl-Institut Europa tal-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Amsterdam (1991-1995); professur fid-Dritt Ewropew fil-Fakultà tal-Università ta' Tilburg (1995-2003); professur fid-Dritt Ewropew fl-Università ta' Utrecht u Membru tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni tal-Istutut Europa tal-Università ta' Utrecht (mill-2003); membru tal-kunsill editorjali ta' diversi rivisti legali nazzjonali u internazzjonali; awtriċi ta' numru ta' pubblikazzjonijiet; Membru tal-Akkademja Rjali Olandiża tax-Xjenzi; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-10 ta' Ġunju 2010.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106*